# RAPPORT ANNWALI AMMINISTRATTIV 2021

Is-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru, 2021 kienet kkaratarizzata minn dawn il-fatturi:

Harsa lejn id-dħul u l-infiq tas-sena tar-rapport, id-dħul kien maqsum hekk:

€409,040 mingħand il-Gvern Ċentrali
€ 132, 017 mis-sistema tal-infurzar tal-liġi u minn investimenti u dħul ieħor.

Filwaqt li n-nefqa matul l-istess perjodu kienet maqsuma hekk:

€101, 482 fl-Onorarja tas-Sindku u s-Salarji tal-Impjegati
€117,220 f'xogħolijiet ta' manutenzjoni
€156, 741 fuq amministrazzjoni u spejjeż oħra

In-nefqa tal-amministrazzjoni kienet dovuta l-aktar fuq kuntratti.

Is-sena finanzjarja ntemmet b'surplus ta' €165,307.

**Statement of comprehensive income**

| | | Year ended 31 December | |
|---|---|---|---|
| | Notes | **2021** € | 2020 € |
| **Income** | | | |
| Funds received from Central Government | 10 | **409,040** | 393,923 |
| Other government income | 11 | **98,205** | 37,631 |
| General income | 12 | **32,962** | 38,527 |
| Income raised under Local Enforcement System | 13 | **813** | 958 |
| Investment income | 14 | **37** | 451 |
| | | **541,057** | 471,490 |
| **Expenditure** | | | |
| Staff salaries | 15 | **101,482** | 102,852 |
| Operations and maintenance | 16 | **117,220** | 141,758 |
| Administrative and other expenditure | 17 | **156,741** | 317,293 |
| Finance costs | | **307** | - |
| | | **375,750** | 561,903 |
| **Profit / (loss) for the year – total comprehensive income / (loss)** | | **165,307** | (90,413) |

The notes on pages 8 to 23 are an integral part of these financial statements.

Mill-previżjonijiet tal-Kunsill Lokali jidher ċar li l-akbar sors ta' ħruġ se jkun fuq tlett setturi importanti ħafna li huma: Kuntratti varji, in-Nefqa għall-Amministrazzjoni u l-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid.

i. Is-Servizz tal-ġbir tal-iskart goff, Servizz tal-immaniġjar tal-iskart, Servizz tal-qtugħ ta' ħaxix f'toroq mhux urbani, s-servizz ta' knis u s-serviz tal-latrini pubbliċi huma kuntratti li n-nefqa tagħhom hija waħda konsiderevoli. Huma setturi li s-servizz tagħhom huwa bżonjuż sabiex inżommu r-raħal tagħna nadif. Għalkemm jiddispaċina ngħidu li avolja s-servizz tal-iskart goff jiġi offrut tlett darbiet fil-ġimgħa, għad hawn nies irresponsabbli li għadhom jarmu skart goff barra. Infakru li kull ma wieħed irid jagħmel huwa li jċempel fl-uffiċju tagħna u jingħata appuntament sabiex jinġabar il-materjal li jkollok mingħajr ebda ħlas.

ii. Nefqa oħra bżonjuża hija dik amministrattiva għax permezz tagħha l-Kunsill Lokali jibqa' għaddej bil-ħidma tiegħu b'risq ir-residenti. B'nefqa amministrattiva

ma nfissrux biss il-pagi tal-ħaddiema imma ukoll nfiq ieħor li l-Kunsill Lokali jkollu jagħmel sabiex l-operat tal-Kunsill ikompli għaddej bla tfixkil.

iii. Il-bini taċ-Ċentru Ċiviku ġdid wasal fl-aħħar fażi tiegħu u issa nibdew l-proċess tad-disinn interjuri. Apparti l-bini taċ-Ċentru Ċiviku hemm ukoll il-bini mill-ġdid tal-*playing field* ta' Ġnien Nicolò Communet.

Il-Kunsill Lokali qiegħed iħares lejn is-sena 2022 bħala sena oħra ta' sfidi finanzjarji. Dawn huma sfidi li qegħdin iqumu ta' kull sena quddiem il-Kunsill Lokali, imma b'għaqal u determinazzjoni, il-Kunsill Lokali qiegħed jirnexxielu jżomm in-nefqa stabbli, tant li qegħdin nispiċċaw is-sena b'bilanċ. Fadal ħafna x'isir u qegħdin nistennew li matul is-sena 2022 il-Kunsill Lokali jieħu xi ftit ta' daqqa finanzjarja, għalkemm minn dak li qegħdin niproġettaw jidher li xorta waħda se nispiċċaw b'bilanċ.

Stephania Grixti
Deputat Segretarju Eżekuttiv

It-Tlieta 19 t'April 2022